# L-Istorja tal-Mużew tas-Subien f'Ħal Safi



kitba ta' *Carmelo Busuttil*

Il-Mużew tas-Subien f'Ħal Safi nfetaħ f'Settembru 1937 mid-dar numru 50, Triq San Pawl fejn illum qed tgħix il-familja tas-Sur Alfred Xerri.

Din id-dar kienet proprjetà tal-familja ta' l-Ispettur. Peress li wieħed mill-proprjetarji kien Ġużeppi Busuttil, li dak iż-żmien kien is-Superjur tal-Mużew, kien irranġa biex il-lezzjonijiet tad-Duttrina jibdew isiru hemmhekk. Jiena niftakarni sew nattendi hemmhekk biex imbagħad inkun nista' nagħmel l-Ewwel Tqarbina.

Wara li dan il-post tbattal biex marret toqgħod hemm il-familja Xerri, il-lezzjonijiet tad-Duttrina bdew isiru fil-kappella ta' Santa Marija. Bħala soċji tal-Mużew mir-raħal ta' Ħal Safi jiena niftakar tlieta, Ġużeppi Mifsud (ta' Qnieċel), Ġużeppi Abdilla (ta' Wiġi ta' Pupull) u lis-Superjur Ġużeppi Busuttil (ta' l-Ispettur). Dawn kollha taw servizz utili ħafna lit-tfal subien biex dawn jippreparaw ruħhom sewwa għall-Ewwel Tqarbina u wara biex jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof.



*Ġużeppi Busuttil – Superjur*

Ġużeppi Misfud niftakru jien kien jieħu interess kbir fina, kemm-il darba kien jieħu lili u lil xi tnejn oħra minn sħabi l-Mużew tas-Subien iż-Żurrieq meta dawn kien ikollhom xi ċerimonja speċjali, bħal ngħidu aħna ċerti ġuvintur Żrieraq kienu jsiru dak li nghidulhom *magħżulin* jew *kandidati*.

Ġużeppi Mifsud kien jaħdem mas-Servizzi Ingliżi u kellu s-sengħa ta' *Silversmith*.

Xi żmien wara ġara li għal madwar erba' snin il-Mużew għalaq minħabba nuqqas ta' soċji. Infatti wieħed mis-soċji li jiena semmejt aktar 'il fuq, is-Sur Ġużeppi Abdilla (ta' Pupull) kien irriżenja minn soċju u wara żżewweġ lis-Sinjorina Domenika Zammit. Illum dawn it-tnejn m'għadhomx magħna u Alla l-Imbierek jagħtihom il-glorja tal-Ġenna.



*Ġużeppi Abdilla – Soċju*

Il-Mużew reġa' fetaħ mill-ġdid f'Ġunju 1961 taħt l-amministrazzjoni tas-Superjur Ġużeppi Camilleri minn Raħal Ġdid. It-tagħlim issa kien qiegħed isir fid-dar tal-Kappilan u fl-iskola l-qadima tal-Gvern li kienet fi Triq San Pawl.

Jien niftakar ukoll li meta jiena u sħabi tfarfarna mhux ħażin kien jiġi s-servjent, is-Sur Anthony Agius, fuq il-mutur tiegħu biex jagħmlilna lezzjonijiet interessanti fuq l-Iskrittura Mqaddsa, fuq Dun Ġorġ u t-tagħlim tiegħu u biex iħajjar xi wħud minnha li jsiru soċji tal-Mużew.

Fi żmien is-Superjur Vincent Meli, li kien minn Ħal Tarxien, fuq insistenza tal-Kappillan ir-Reverendu Dun Karm Lia, beda jinbena Mużew ġdid fi Triq San Pawl li għadu jeżisti sal-lum il-ġurnata.

Dan il-Kappillan kien ex-soċju tal-Mużew u kien iħobb ħafna din l-Għaqda nisranija li għamlet ħafna ġid mat-tfal Maltin. Infatti, kemm dam Kappillan f'Ħal Safi hu, inbnew kemm il-Mużew tas-Subien kif ukoll dak tal-Bniet. Dawn l-opri sbieħ jibqgħu monument tal-ħidma li wettaq Dun Karm Lia fir-raħal tagħna. Alla jagħtih il-glorja tal-Ġenna. Il-Perit f'dawn iż-żewġ proġetti kien is-Sur J. Xuereb u l-bennej kien is-Sur Pawlu Mangion (id-Dielja) miż-Żurrieq. L-ewwel ġebla tal-Mużew tqiegħdet u tbierket minn Mons. Giovanni Mifsud li kien il-Kanċillier tal-Kurja, nhar is-7 ta' Ġunju, 1964. Il-parrinijiet kienu Ġużeppi Busuttil (is-Superjur) u s-Sur Ġużeppi Bugeja. Is-sular ta' isfel tlesta fi żmien sena u tbierek mill-Arċisqof Michael Gonzi fit-28 ta' Awissu 1965. It-tieni sular tkompla xi żmien wara u kien inawgurat mill-Kappillan Dun Karm Lia fil-25 ta' Awissu 1969.

Għall-ewwel dan is-sular kien beda jintuża bħala *Yough Centre* għaż-żgħażagħ, iżda mbagħad serva wkoll bħala sala għar-riċevimenti, ta' *parties*, bħall-Ewwel Tqarbina, Griżma ta' l-Isqof kif ukoll għal xi okkażjoni speċjali familjari.

Kien fis-sena tmenin li wara li saru fih xi alterazzjonijiet strutturali l-post kollu beda jintuża bħala Mużew tas-Subien.



*Ġużeppi Mifsud – Soċju*

Fost is-superjuri li servew f'dan il-qasam insibu lil Ġużeppi Pisani minn Raħal Ġdid (1974), Pawlu Sammut miż-Żurrieq (1975), Joseph Falzon miż-Żurrieq (1987) u Carmel Farrugia miż-Żurrieq ukoll (1993).

Bħalissa hawn Superjur is-Sur Ġużeppi Sammut li taħt is-sorveljanza tiegħu qiegħed jinbena Mużew sabiħ u kbir għat-tfal subien ta' Ħal Safi. It-tqegħid u t-tberik ta' l-ewwel ġebla sar mill-Kappillan Dun Nikol Pace nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 1998 fil-preżenza ta' ħafna parruċċani.



*Ritratt tal-faċċata tal-Mużew preżenti*

Nagħti ħajr lis-Sur Paul Callus għal xi informazzjoni li jiena sibt utli biex inkun nista' nikteb dan l-artiklu.

**Għall-bejgħ ta' ħaxix u frott frisk**

**CHRISTOPHER SCHEMBRI**

*(street hawker)*

*It-Tnejn u l-Ħamis fil-għaxija*
*Triq in-Nassaba, Ħal Safi*

*Tel: 21640101 • Mob: 7972 9728*